2025/686 3.4.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/686

## tal-1 ta' April 2025

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (EUPM Moldova/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/855 tal-24 ta' April 2023 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/855, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat mill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Molodova (EUPM Moldova), inkluż is-setgħa biex jinħatar Kap tal-Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fis-27 ta' April 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/871 ([2]), li taħtar is-Sur Cosmin DINESCU bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUPM Moldova mill-25 ta' April 2023 sal-24 ta' April 2024.

(3) Fit-23 ta' April 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1202 ([3]) li testendi l-mandat tas-Sur Cosmin DINESCU bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPM Moldova mill-25 ta' April 2024 sal-24 ta' April 2025.

(4) Fl-20 ta' Frar 2025, ir-Rappreżentant Għoli ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Cosmin DINESCU bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPM Moldova mill-25 ta' April 2025 sal-24 ta' April 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Cosmin DINESCU bħala Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Molodova (EUPM Moldova) huwa b'dan estiż mill-25 ta' April 2025 sal-24 ta' April 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2025.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

---

([1]) ĠU L 110, 25.4.2023, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/855/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/871 tas-27 ta' April 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (EUPM Moldova/1/2023) (OJ L 113, 28.4.2023, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/871/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1202 tat-23 ta' April 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (EUPM Moldova/1/2024) (ĠU L, 2024/1202, 24.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1202/oj).